MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF
ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2007

Numru 2/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**John Pace**

Il-Qorti:

Rat is-sentenza moghtija fis-26 ta’ Frar 2007 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

“Rat l-Att ta’ Akkuza numru 2/2006 li permezz tieghu l-Avukat Generali akkuza lil John Pace fl-ewwel kap bit-tentattiv ta’ omicidju volontarju ta’ Frangisk Fenech, u fit-

tieni kap akkuza lill-istess Pace talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjon, jew kellu f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu; skond l-Att ta' Akkuza kollox sar fit-18 ta' Mejju 2003;

Rat il-verdett tal-gurati, moghti nhar il-Gimgha 23 ta' Frar 2007 li permezz tieghu, b'sitt voti favur u bi tliet voti kontra, sabu lill-imsemmi John Pace mhux hati skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza izda sabuh unanimament hati skond it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza; il-gurati fissru wkoll li il-verdett unanimu taghhom fuq it-tieni kap kien jirreferi kemm ghaz-zamma f'fond kif ukoll li kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar u munizzjon barra minn fond; tiddikjara lil John Pace mhux hati skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza u minnu tilliberah, izda tiddikjarah hati talli fit-18 ta' Mejju 2003 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjon u kellu fil-pussess jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu;

Semghet lill-Assistent Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni kif ukoll lill-Avukat Dott. Joseph Giglio ghall-hati dwar il-piena fl-udjenza tal-lum; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-fedina penali tal-hati (fedina tal-hati li, kif tajjeb osservat il-prosekuzzjoni, ghalkemm mhux xi wahda refrattarja, certament il-hati ma jistax jghid li huwa persuna incensurata);

Ikkunsidrat:

F'dan il-kaz l-Avukat Generali ghazel li jakkuza f'kap wiehed – it-tieni kap – lil Pace b'dawk li huma effettivament zewg reati: ir-reat ta' min izomm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija (Art. 3(1) tal-Kap. 66), u r-reat, aktar serju, ta' min, dejjem minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, ikollu fil-pussess jew kontroll tieghu jew ikollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon pero` barra minn fond jew post li jaghmel mieghu (Art. 3(1A) tal-istess Kap. 66). Ma hemmx

kontestazzjoni li dawn id-disposizzjonijiet huma applikabbli ghall-kaz odjern minkejja l-fatt li llum l-Ordinanza dwar l-Armi, Kap. 66, giet abrogata bl-Att XIV tal-2005 (illum il-Kap. 480). In fatti kemm bl-Artikolu 66(2)(3) ta’ dan l-Att kif ukoll bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 12(1)(d) u (e) tal-Kap. 249, ir-reati skond l-imsemmija disposizzjonijiet tal-allura Kap. 66 huma applikabbli ghall-kaz in dizamina. Il-Qorti ezaminat l-Att imsemmi biex tara jekk il-piena ghal dawn ir-reati llum tnaqqsitx, izda skond l-Artikolu 51(2) il-pieni addirittura zdiedu. S’intendi din il-Qorti ser tinjora kompletament il-ligi l-gdida – li *ratione temporis* mhix applikabbli ghal kaz in dizamina – u sejra tikkunsidra biss il-pieni inferjuri applikabbli skond l-Artikolu 3 tal-Kap. 66. Din il-Qorti hi wkoll tal-fehma li, galadarba l-Avukat Generali ghazel li jdahhal zewg reati f’kap wiehed, il-Qorti ghandha tikkunsidra, ghall-finijiet ta’ piena, reat wiehed biss (u ghalhekk minghajr ebda konkors ta’ reati u/jew pieni) u cioe` r-reat l-aktar gravi kontemplat fl-Artikolu 3(1A). Il-piena applikabbli hija, ghalhekk, ta’ prigunerija minn xahrejn sa sentejn. Ghall-precizjoni jinghad ukoll li ma hux applikabbli il-*proviso* tas-subartikolu (1A) tal-Artikolu 3 imsemmi, u dan ghax meta Pace ghazel li johrog armat biex imur ifittex lil Fenech <u>f’dak il-hin</u> evidentement ma seta’ kien hemm u ma kienx hemm xi bzonn attwali tad-difiza legittima ta’ Pace jew ta’ xi hadd iehor.

L-abbili difensur tal-hati gibed l-attenzjoni ta’ din il-Qorti ghas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tal-21 ta’ April 2005 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Emanuel Zammit** li kienet irriformat sentenza ta’ din il-Qorti (diversament komposta) fejn, fost diversi pieni moghtija – ghal xi raguni din il-Qorti, flok ma tat piena wahda bl-applikazzjoni tad-disposizzjoni tal-konkors tar-reati u pieni, tat pieni separati ghad-diversi reati li taghhom Zammit kien instab hati, tant li in segwitu l-Qorti tal-Appell Kriminali tat piena wahda komplessiva bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) u (h) tal-Kap. 9 – kienet tat piena ta’ xahrejn prigunerija ghal tliet reati taht il-Kap. 66 fosthom dak kontemplat fl-Artikolu 3(1A). Din il-Qorti kif illum presjeduta taghmilha cara li ma taqbel assolutament xejn mal-piena kif moghtija ghall-finijiet tal-Kap. 66 f’dik il-

kawza ta’ Zammit. Li wiehed ikun barra fit-triq, armat b’arma tan-nar u munizzjoni minghajr id-debita licenzja hija reat serju li, bhala regola, jimmerita piena ta’ prigunerija b’effett immedjat.

Fil-kaz in dizamina, minkejja l-verdett tal-gurati dwar l-ewwel kap – verdett li jista’ jfisser jew li meta l-hati spara huwa ma kellu ebda intenzjoni la li joqtol u lanqas li jwegga’ lil Fenech jew li meta huwa spara, anke jekk biex joqtol jew biex iwegga’, huwa ghamel hekk in legittima difesa tieghu nnisu – jibqa’ l-fatt li Pace ghazel li, ghalkemm kien jaf li Fenech kien ikun armat, mar ifittxu huwa wkoll armat b’senter li jiffunzjona u bi skratacc. Ghalkemm kellu t-twissija ghaqlija u f’waqtha tal-Ispettur Anzjan tal-Pulizija Paul Bond biex, jekk huwa kien qed jibza’ minn Fenech huwa kellu jipprova jevitah, u ghalkemm Pace stess kien wissa lil haddiehor biex ma jersaqx lejn l-ghalqa (li dwarha kellu kwistjoni ma’ Fenech) minhabba Fenech, huwa ghazel li jaghmel proprju bil-kontra u addirittura li jmur armat fejn ir-residenza ta’ Frangisk Fenech. Certament Pace ma kienx hekk armat ghall-kacca (illegali galadarba ma kellux licenzja tal-kacca) tal-ghasafar, izda mar proprju biex ifittex – wiehed jista’ anke jghid jikkonfronta lil Fenech – specifikatament dwar il-kwistjoni li huma kellhom bejniethom. Anqas jista’ jinghad li lil Fenech mar biss biex forsi jbezzghu, ghax ha mieghu l-iskratacc – indikazzjoni cara li dik l-arma kien lest li jisparaha, kif effettivament ghamel. Fi kliem iehor, Pace deliberatament mar fejn in-nar, konxju li seta’ jinharaq, u ppreparat biex jekk ikun il-kaz huwa wkoll jispara, kif effettivament ghamel. Huwa veru li f’dan il-kaz hadd – la Pace u anqas Fenech – ma weggghu, pero` Pace ma hasibha xejn li b’dak li ghamel – li jigri b’senter u bil-munizzjon f’post abitat – kien qieghed jipperikola anke l-hajja ta’ nies ohra innocenti li setghu jkunu ghaddejjin mill-vicinanzi jekk tinholoq sitwazzjoni fejn huwa, jew haddiehor, jispara xi tir bhalma effettivament gew sparati. Socjeta` civilizzata ma tistax tippermetti dawn is-sitwazzjonijiet tal-*wild West*, bil-perikoli kollha attinenti, u ghalhekk il-piena f’dan il-kaz ghandha tirrifletti l-gravita` ta’ dak li ghamel Pace meta huwa, bl-agir inkonsult tieghu,

ipprecipita sitwazzjoni li kienet ta' perikolu ghalih u ghal haddiehor.

F'dan il-kaz ghandu wkoll jigi precizat li l-hati mhux ser jigi kkundannat ihallas spejjez peritali peress li l-esperti li xehdu ma kontribwew xejn utili ghall-finijiet tat-tieni kap li huwa instab hati tieghu.

Ghall-motivi premessi, wara li rat l-Artikolu 3(1A) tal-Kap. 66, tikkundanna lil John Pace ghall-piena ta' wiehed u ghoxrin xahar prigunerija, mil-liema periodu ghandu jitnaqqas, konformement ma' l-Artikolu 22 tal-Kap. 9, iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, liema zmien ta' arrest preventiv ghandu jinkludi wkoll iz-zmien minn meta beda l-guri fid-19 ta' Frar 2007 sal-lum."

Rat li minn din is-sentenza John Pace nterpona appell permezz ta' rikors ta' appell tieghu datat 12 ta' Marzu 2007, u dan billi hassu aggravat minn tali sentenza, li bih talab li din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn huwa gie misjub mhux hati ta' dak migjub kontra tieghu fl-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza u hati ta' dak migjub kontra tieghu fit-tieni kap ta' l-Att ta' Akkuza, tvarjaha f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena nflitta u minflok tinfliggi piena aktar gusta u ekwa ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena li l-appellant iqis bhala esagerata. Fir-rikors ta' appell tieghu, l-appellant jispjega l-lanjanzi tieghu b'dan il-mod:

"F'dan ir-rigward jinghad illi l-parametri tal-piena kienu bejn xahrejn u sentejn prigunerija u b'hekk huwa car li l-piena erogata hija kwazi fil-massimu taghha.

"L-ewwel Qorti sejset il-konsiderazzjoni taghha sabiex tinfliggi l-piena eventwalment imposta billi bazikament stqarret li l-esponent ma messu qatt mar ifittex lil Frangisk Fenech armat meta kien jaf li dan ikun armat u meta kien imwissi sabiex jevitah. B'hekk ghall-ewwel Qorti l-esponent ipprecipita sitwazzjoni li kienet ta' perikolu ghalih u ghal haddiehor.

"Izda ghalkemm dan ir-ragunament huwa apprezzat jibqa' l-fatt li Pace qatt ma kellu ebda hsieb li joqtol jew iwegga' lil xi hadd. Tabilhaqq dan huwa kkonfermat mill-verdett tal-gurati stess u b'hekk l-esponent qieghed jigi eccessivament punit minhabba l-agir ta' haddiehor. Tabilhaqq mill-verdett tal-gurati jirrizulta car li s-sitwazzjoni tal-'Wild West' msemmija mill-ewwel Qorti holoqha Fenech u fil-<u>mument</u> li Pace spara lura xorta wahda ma sparax biex joqtol jew iwegga' izda b'reazzjoni ghall-eghmil u agir ta' Frangisk Fenech. Dana huwa kkonfermat mir-relazzjoni u x-xiehda tal-esperti ballistici.

"Tabilhaqq jinghad ukoll li almenu fil-mument tal-isparaturi minn naha tal-esponent l-proviso ta' l-artikolu 3(1A) tal-Kap. 66 huwa applikabbli u dan huwa ukoll rifless fil-verdett tal-gurati moghti fuq l-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza.

"Jehtieg ukoll bir-rispett li jigi apprezzat l-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, fosthom il-fatt li l-unika ghan tal-esponent kien proprju li tinsab soluzzjoni amikevoli ghall-vertenza u li l-esponent kien qieghed jaghmel minn kollox biex din is-soluzzjoni tinsab."

Imbaghad waqt it-trattazzjoni orali, l-abbli difensur ta' l-appellant issottometta ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti illi t-tieni kap ta' l-att ta' akkuza huwa null ghax jikkomprendi fih zewg reati u ssuggerixxa illi din il-Qorti ghandha tqajjem dan il-fatt hija stess *ex officio*. Isaqsi: "la null, kif nehel piena?"

Effettivament jirrizulta illi fit-tieni kap l-appellant gie akkuzat b'zewg reati: ir-reat ta' min izomm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju

tal-Pulizija (artikolu 3(1) tal-Kap. 66[1]), u r-reat ta' min, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, ikollu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew ikollu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu (artikolu 3(1A) tal-Kap. 66). Jirrizulta illi dak li qieghed jigi sottomess f'dan l-istadju ma tqajjem f'ebda istanza quddiem l-ewwel Qorti. Inoltre mill-verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar 2007 jirrizulta li meta nqara l-verdett u qabel ma gie registrat, il-Qorti staqsiet lill-prim gurat jekk il-verdett unanimu dwar it-tieni kap kienx jirreferi ghaz-zewg ipotezijiet jew ghal wahda minnhom u l-prim gurat fisser li l-verdett unanimu kien jirreferi ghaz-zewg ipotezijiet; il-verdett gie hekk registrat u anke l-ewwel Qorti ma dehrilhiex li kellha tqajjem din il-kwistjoni hi. Fis-sentenza taghha mbaghad hija rreferiet ghall-fatt li l-Avukat Generali kien ghazel li jakkuza lill-appellant bl-imsemmijin zewg reati f'kap wiehed u ghaddiet biex, ghall-finijiet ta' piena, tikkonsidra reat wiehed biss, dak li dehrilha kien l-aktar gravi kif kontemplat fl-artikolu 3(1A) tal-Kap. 66. Dan ifisser illi l-appellant ma sofra l-ebda ingustizzja b'rizultat ta' dik li tista' tigi deskritta – meta titqies in-natura tar-reati in kwistjoni – bhala teknikalita`.[2] Jinghad ukoll illi l-anqas fir-rikors ta' appell ma ngabet 'il quddiem din il-kwistjoni bhala aggravju peress illi l-uniku aggravju ta' l-appellant jirrigwarda <u>l-*quantum*</u> tal-piena. Fir-rikors l-appellant jghid testwalment illi "l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi l-piena nflitta kienet esagerata" u jitlob lil din il-Qorti li tinfliggi piena "aktar gusta u ekwa" u mhux li ma tinfliggi l-ebda piena. Ghalhekk, in kwantu s-sottomissjoni ta' l-appellant tista' titqies bhala talba sabiex jigi annullat it-tieni kap ta' l-att ta' akkuza, u cioe` aggravju <u>gdid</u>, din il-Qorti tfakkar li hija gurisprudenza ormai pacifika li l-Qorti ta' l-Appell ma tistax tiehu konjizzjoni ta' ragunijiet ta' l-appell, ossia aggravji, li ma jkunux gew imsemmija fir-rikors ta' appell. Dan johrog car minn dak li jipprovdi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 505 tal-Kodici Kriminali li tali rikors *"ghandu jkun fih il-fatti tal-*

[1] Il-ligi applikabbli meta sehh il-kaz in kwistjoni peress illi l-ligi llum vigenti huwa l-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

[2] Taht l-Att dwar l-Armi – Kap. 480 – dawn iz-zewg reati gew fil-fatt abbinati f'artikolu wiehed, l-artikolu 5(1).

*kawza fil-qosor imma cari,* ***ir-raguni ta' l-appell*** (enfazi tal-Qorti) *u t-talba ta' l-appellant".*

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur effettivament huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[3].

Il-piena nflitta fuq l-appellant hija, kif anke jaqbel l-appellant, fil-parametri tal-ligi. Difatti l-piena ghal min jinstab hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 3(1A) tal-Kap. 66 huwa ta' prigunerija ghal zmien ta' minn xahrejn sa sentejn. L-appellant gie kkundannat wiehed u ghoxrin xahar prigunerija bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz.

Din il-Qorti l-ewwelnett tosserva illi hija taqbel ma' l-ewwel Qorti li qieset ir-reat kontemplat fl-artikolu 3(1A) bhala r-reat l-aktar gravi. Difatti, ghalkemm l-artikolu 3(1) jipprovdi ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' minn tliet xhur sa tliet snin, tali piena hi applikabbli biss fejn l-armi tan-nar jew munizzjon qed jinzammu sabiex isir bejgh jew traffikar iehor kontra l-ligi – li ma kienx il-kaz odjern  fejn allura l-piena hi ta' multa ta' mhux inqas minn tletin lira jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u prigunerija flimkien.

Fil-kaz ta' l-artikolu 3(1A), skond il-*proviso* persuna ma tehel ebda piena jekk tikser id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu "minhabba fil-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu jew ta' haddiehor". L-appellant jippretendi li dan il-*proviso* ghandu japplika fil-konfront tieghu u li dan huwa rifless fil-verdett tal-gurati dwar l-ewwel kap. Pero`, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, il-verdett dwar l-ewwel kap **"jista' jfisser jew li meta l-hati spara huwa ma kellu ebda intenzjoni la li joqtol u**

---

[3] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**lanqas li jwegga' lil Fenech jew li meta huwa spara, anke jekk biex joqtol jew biex iwegga', huwa ghamel hekk in legittima difesa tieghu nnifsu."** Il-verita` hi li hawn ghandna kaz ta' bniedem li jsostni li kien qed jibza' minn Frangisk Fenech u li, kif jghid fir-rikors ta' appell, l-uniku ghan tieghu kien sabiex tinsab soluzzjoni amikevoli ghall-vertenza li kien hemm bejnu u Fenech, izda li mar jipprezenta ruhu armat. Min irid soluzzjoni amikevoli ma jmurx ifittex dik is-soluzzjoni armat b'senter. Jekk dakinhar stess ta' l-incident l-appellant kien diga` ra lil Fenech b'revolver f'idejh "jitfaghlu l-balal fir-romblu"[4], ma kellux imur wahdu armat prattikament sabiex jikkonfronta lil Fenech; semmai kien imissu ghamel rapport lill-Pulizija dwar dak li kien ra lil Fenech jaghmel.

Fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid li dakinhar ta' l-incident kienet cemplitlu l-mara f'xi nofsinhar u qallha li kien imdejjaq bis-sitwazzjoni li kien fiha peress li gie ingannat miz-zewg nahat. Jghid: "Imbaghad tgerfixt, kelli hafna problemi u hsibijiet u biza' u ma nafx x'gara." Dak li gara kien proprju li huwa mar ghas-senter li kellu d-dar u mar bih biswit ir-residenza ta' Fenech fejn sehhet sparatura bejnu u Fenech. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant ma kellux raguni valida biex jaffronta lil Fenech kif ghamel. Inoltre, bhall-ewwel Qorti, temmen illi l-agir ta' l-appellant ipprecipita sitwazzjoni li kienet ta' perikolu kemm ghalih kif ukoll ghal haddiehor, u mhuwiex tollerabbli illi f'pajjizna persuni joqoghdu jigru barra b'armi illegalment jew ghal skopijiet illegali. Dan ir-reat huwa wiehed gravi hafna u difatti fil-ligi l-gdida (l-Att dwar l-Armi) il-legislatur sahansitra zied il-piena ghal dik ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn tliet xhur u mhux izjed minn hames snin.

F'dawn ic-cirkostanzi, u wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti tal-kumpilazzjoni – peress illi l-partijiet ma talbux li tigi traskritta x-xiehda tax-xhieda li nstemghu waqt il-guri – din il-Qorti hi tal-fehma li d-diskrezzjoni ezercitata mill-Qorti fir-rigward tal-*quantum* tal-piena ma ghandhiex tigi disturbata.

---

[4] Ara stqarrija ta' l-appellant a fol. 26 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------